

# Nifirħu lil...

Il-membru onorarju tal-Għaqda Mużikali Imperial l-Onorevoli Clayton Bartolo li ġie maħtur Ministru għat-Turiżmu, l-Onorevoli Dr Jonathan Attard li ġie maħtur Ministru għall-Ġustizzja, u l-membru onorarju tal-Għaqda Mużikali Imperial l-Onorevoli Dr Michael Farrugia li kien elett fil-Parlament ta' Malta f'isem il-Gvern. Il-membru onorarju l-Onorevoli Robert Cutajar, l-Onorevoli Ivan Castillo u l-Onorevoli Graziella Galea li kienu eletti fil-Parlament ta' Malta f'isem l-Oppożizzjoni. Nawgurawlhom ħidma ta' suċċess fl-oqsma rispettivi li ġew fdati lilhom.

L-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina u l-Mellieħa Sports Club f'għeluq il-75 sena mit-twaqqif tagħhom.

Patri Alfred Debono ODC f'għeluq il-50 sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu.

Alexia Micallef, kantanta Melleħija, għar-rebħ tal-festival "L-Għanja tal-Poplu 2022" bil-kanzunetta 'Fil-Kexxun'.

Il-grupp MARA, fosthom il-kantanti Melleħin Alexia Farrugia u Annabelle Vella, u l-kompożitur Philip Vella, li kklassifikaw fit-tielet post fil-festival "L-Għanja tal-Poplu 2022" bil-kanzunetta 'Ħelu Manna'.

Steven Fenech li flimkien mal-partner taż-żfin tiegħu kklassifikaw fit-tieni post fil-Kompetizzjoni tal-Latin Dancing u fit-tielet post fil-Kompetizzjoni tal-Ballroom Dancing fil-German Opening Championships fi Stuttgart.

Is-Sinjura Rachel Vella, Direttur tar-ROCS Group li f'Diċembru 2021 rebħet it-titli ta' Malta's Best Business Leader of the Year, Most Inspiring Woman of the Year, Best CEO of the Year, Best Woman in Consumer Business 2021 u l-Life Achievement Award.

Dawk kollha li għamlu suċċess fl-istudji jew f'xi dixxiplina partikolari li jipprattikaw u nawgurawlhom iktar suċċess f'dak kollu li jaħdmu għalih.

IMPERIAL BAND CLUB MELLIEĦA

**Ħeġġu lil uliedkom jitgħallmu l-Mużika mal-Banda Imperial**

**The Veggie Truck**

**Mobile Fruit And Veg Specializing in the very best local and imported produce**

*David Vella (Owner)*
*9962 9372 / 9965 7483*

*Delivery Service Available*
*jovella1@gmail.com*

